MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 35/2008

**AB**
**vs**
**C D E F; G H; l-Avukat Dottor Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri I F B, u li b' digriet tat-12 ta' Mejju 2010 gew estromessi mill-kawza, stante li J B giet nominata kuratrici 'ad litem' tal-minuri; u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li hi zzewget lill-konvenut F fid-9 ta' Awwissu 2003; li matul iz-zwieg hi kellha relazzjoni extra-matrimonjali ma' G H; li minn din ir-relazzjoni twieled it-tifel I registrat bil-kunjom F B; li dan it-tifel mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut C D Mustapha, izda l-wild naturali tal-konvenut G H; ghalhekk l-attrici qieghda titlob li din il-Qorti: [1] tiddikjara li l-imsemmi minuri mhuwiex il-wild

naturali tal-konvenut C F; u [2] li tordna l-korrezzjoni konsegwenzjali fl-att tat-twelid tal-minuri, bin-numru 3378/2007 billi jigu kancellati minn kull fejn insabu mnizzla fl-istess att il-konnotati kollha tal-konvenut C D Mustapha F; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata prezentata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, u li tinsab inserita a fols.21 sa 22 tal-process, li biha fis-sustanza rrisponda li jehtieg li jigu pruvati r-rekwiziti kontemplati fl-artikoli 77 u 81 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta; u li hu m’ ghandux jehel spejjez;

Rat ir-rapport tad-DNA prezentat, u mahluf mill-awturi tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel I, registrat bil-kunjom F B, li twieled mill-attrici fl-20 ta’ Settembru 2007, mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut C F; u wkoll li ssir id-debita korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri, numru 3378/2007.

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici kienet izzewget lill-konvenut C F fid-9 ta’ Awwissu 2003, izda minhabba nkwiet matrimonjali konsegwenza ta’ l-indifferenza li dan il-konvenut kien juri fil-konfront ta’ martu, hija dahhlet f’ relazzjoni extra-matrimonjali mal-konvenut G H.

Illi minn din ir-relazzjoni twieled it-tifel I fl-20 ta’ Settembru 2007. L-attrici tghid li bejn erba’ u hames xhur qabel ma kienet harget tqila bit-tarbija, hi hu zewgha ma’ kellhomx relazzjonijiet intimi, u hi kellha x’ taqsam biss mal-konvenut G H li allura hu missier it-tarbija.

Illi l-verzjoni ta’ l-attrici tinsab korroborata mir-rapport tad-DNA li jikkonferma li l-konvenut G H huwa l-missier

naturali tat-tarbija. Jirrizulta wkoll li, filwaqt li l-konvenut F ma riedx jaccetta t-tqala ta' l-attrici, il-konvenut G H "hadha b' mod normali bla problemi ta' xejn u huwa ppartecipa hafna fil-hajja ta' ibnu." [Fol.33]

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghaldaqstant tilqa' t-talbiet atttrici, u tiddikjara li t-tifel I, registrat bil-kunjoni F B, mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut C D Mustapha F; u tordna l-korrezzjoni ta' l-imsemmi att tat-twelid fit-termini tat-tieni talba;

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attrici u mill-konvenut G H, konguntivament bejniethom fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------